**282. L-Onor. Michael Farrugia, f'ismu u f'isem l-Onor. Noel Farrugia, ippropona din il-Mozzjoni:-**

Illi minħabba li fis-seduta numru 724 tas-17 ta' April 2002, tal-Kamra tad-Deputati ġie mqiegħed fuq il-Mejda ta' l-istess Kamra:-

- Avviż Legali 81 ta' l-2002 – Regolamenti tas-sena 2002 dwar sustanzi fl-ikel li jikkontaminaw;

Liema regoli qed isiru bis-saħħa tas-setgħat mogħtija b'artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb li l-Ministru tas-Saħħa fuq parir ta' l-Awtorita' Maltija dwar l-i*Standards* qed jagħmel u dan a tenur ta' l-Att dwar l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, Kap 231 tal-Liġijiet ta' Malta, u peress li skond l-istess regolamenti 4.1 ikel li jkun fih sustanza li jikkontamina f'ammont li hu inaċċettabbli mill-aspett ta' saħħa u b'mod partikolari f'livell tossikoloġiku m'għandux jitqiegħed fis-suq;

U peress li in kontradizzjoni b'mod assolut hemm indikat fir-regolament 6.1 fuq is-suġġett dwar in-nitrati li jgħid li s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, wara konsultazzjoni mad-Direttur responsabbli għas-saħħa tal-pjanti u mal-Kap tad-direttorat responsabbli għall-oġġetti ta' l-ikel fl-Awtorita' Maltija dwar l-i*Standards*, jista', meta huwa ġustifikat, jawtorizza, għal perjodu transitorju, it-tqegħid fis-suq ta' ħass frisk u spinaċi friska mkabbrin u maħsubin għal konsum f'Malta, li jkollhom livell ta' nitrat ogħla mil-livelli massimi mniżżlin fl-iskeda b'dan iżda li l-kodiċijiet ta' prattika agrikola tajba jkunu applikati biex isir progress gradwali lejn il-livelli stipulati f'dawn ir-regolamenti;

U peress li dan ir-regolament 6.1 imur kontra d-dritt sanktit li l-konsumatur dejjem għandu jiġi informat b'mod trasparenti għall-aħħar u permezz ta' notizji regolari fil-Gazzetta tal-Gvern li tinkludi perjodi ċari, transitorji u riżultati ta' testijiet kif elenkati fl-i*standards* aċċettabbli b'mod internazzjonali;

U peress li dan kollu huwa nieqes fl-interess tal-pubbliku Malti li fuq kollox huwa l-konsumatur in ġenerali dan l-avviż legali hawn fuq indikat;

U li għalhekk għal dawn ir-raġunijiet u raġunijiet oħra li għandhom jiġu trattati f'dibattitu serju f'dan il-Parlament, billi skond l-istess artiklu 11 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap 249, Regolamenti li jsiru taħt xi liġi bħalma hi din Kap. 231, għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u jekk fi żmien 28 jum wara li jiġu hekk imqiegħda l-Kamra tirriżolvi li għandhom jiġu annullati jew emendati dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ, jew jiġu hekk emendati skond il-każ iżda bla ħsara għall-validita' ta' kull ħaġa li tkun saret bis-saħħa tagħha jew għal għemil ta' regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja tagħha ta' dik ix-xorta;

U li għalhekk is-sottoskritti għal raġunijiet hekk indikati din il-Kamra jidhrilha li r-regolamenti fuq imsemmija u in partikolari r-regolament 6.1 indikat fl-Avviż 81 tas-sena 2002 m'għandhomx jiġu fis-seħħ,

Għaldaqstant dan il-Parlament jirrevoka, iħassar u jannulla r-regolament 6.1 ta' l-Avviż Legali 81 tas-sena 2002.

14.05.02